Azzopardi Lorna

# IT-TELFA TAL FREIGATA

# VICTORIA

*Dispacci tal Armiral Markham.*

ROYAL UNIVERSITY MAIN LIBRARY

Id-dispacci (rapporti) ta l' Armiral Markham min fuk abbord tal *Camperdown* jatu cont officiali ta fuk it-telfa tal bastiment tal guerra il *Victoria,* u geu mibghuta lil Armiragliat fil 11 ta fil ghódu nhar il Hadd 25 ta Giugno 1893 u fuk ech saret lakgha (meeting) speciali tal Comitat taht il presidenza tal Conti Spencer f'nofs inhar ta lis-stess giurnata. Fdin il-lakgha chienu hem presenti ucol l' Armiral Sir Anthony Hoskins, il Vici-Armiral Sir Federick Richards, il Contr'Armiral Lord Walter Kerr, il Contr' Armiral Fisher, is-Sur E. Robertson (Lord Civil) Sir Ughtred Kay Shuttleworth (Secretariu Parlamentariu u Finanziali) us Sir Evan Macgregar (Secretariu permanenti). Id-dispacci ta Markham geux esaminati u'c-considerati min daun collha b' rekka l'izied cbira u b'attenzioni l'izied profonda. Il copi ta daun id-dispacci (uara dina l'esami ecda rigorusa) geu mibghutin ghal listampa, u ahna ippublicainighom intierament b'dina id-diagramma (pianta) spiegata:

Diagramma li turi il posizioni li hadu il bastimenti min x'hin dawru it-tmun ghal collox sahansitra grat l'investitura.

Iffermata mit Tenent tan-Navigazion, FRANCIS L. BARR.




Riport 'a Markham "Camperdown" fi Tripoli, 22 ta Glugno 1893.

Signur.—Bl'actar dispiacir profond illi jena ghandi nirraporta, ghal informazioni tas-Signurja tghacom, it-telfa intiera tal bastiment tal Maestà *Victoria* flimchien mat-telfa ir-reparabili tal Cap tal Armata (Com: in Chief) Sir George Tryon K.C.B. (Cavalier Comandant tal Bagnu) ta 22 Officiali u ta 336 ruh, taht dauna iccircustanzi :—

Lewel. Lis-Squadra, li chienet ticconsisti f'daun il Bastimenti, cioè : *Victoria*, *Camperdown*, *Nile*, *Dreadnought*, *Inflexible*, *Collingwood*, *Phaeton*, *Edgar*, *Edinburgh*, *Sans Pareil*, *Amphion*, *Fearless* u *Barham*, tlakna min Barùt ghal Tripli fil 10 ta filghodu.

It-tieni. Ftit tal hin uara li tlakna bis-Squadra, giet imkassma (iffoŗmata) f'colonna (t'fila) singla uahda bisuit l'ohra, u issuctaina ech bil mixi ta xi 8 timiel fis-sigha. Meta geina f'hames timiel bgheid mill'ancoragg il barra min Tripoli, sar is-signal fis 2. 20 ta uara nofs inhar biex nitkassmu, (nifformau) zeug division'et linia dritta il uahda u l'ohra disposti taht ir-rieh b'distanza ta sitt ixcla bgheid ta divisioni mill'ohra. Ahna bkaina seirin b'dal mod imkassmin sahansitra incirca tat' 3. 28 ta uara nofs inhar, x'hin allura sar dana is-sinial mil *Victoria*.

| | | |
|---|---|---|
| Bandiera Numru 2<br>Fiamma „ 2<br>Fiamma tal boxsla<br>16<br>1 | ifissru | Lewel divisioni biddell il cors, dur 16 il pont fuk is-sinistra. |
| Bandiera Numru 2<br>Fiamma „ 1<br>16<br>Fiamma tal boxsla | ifissru | Tieni divisioni biddell il cors, dur 16 il pont fuk id-dritta. |

Billi iz-zeug divisionjet (ossia colonni) conna bgheid min xulxin sitt ixcla biss, deghirli ghaldaksech fl'opinioni tighi, li ma hemx uisa bizzejed biex neseguixu

il manovra ta dan l'eserciziu chief conna ordinati bis-sinial li semmeit, allura iddiregeit it-tenent tighi biex izomm is-sinial, li ahna ucol conna kghedin nirrepetuh lil bastimenti l'ohra ta uraina, f'nofs arblu, biex ifisser li dac issinial mux miftighem, u flis-stess mentri ordnaitlu ucol biex jghamel sinial lil Commander in Chief, bis-semifor b'dina il maniera; "Ghandi jena nassigura ruhi illi dina jia rieda tighech illi il fili (il colonni) iduru chif kieghed jndica is-sinial li kighed issa iperper?", imma kabel ma dana is-sinial giè imuassal f'idein il Com: in Chief, il Com: in Chief chien baghad jordna biex isaksuni bis-semifor ghax ried jaf: "X'cont kighed nistenna." Iena stghagibt x'hin b'dana rait li hu iridni indur 16 il pont bhal ma chien kighed jndica is-sinial tighu, allura issoponeit illi l'intenzioni tighu chienet li idur mat-tieni Divisioni u igibna taht ir-rieh tighu, peres li jena uisk persuas mil cbira abiltà tal Commander in Chief u ben tajeb naf li hu capaci jmmanovra (jesercita) bis-Squadra minghair lebda difficultà ta investituri ankas ta lebda pericolu ihor. Ghaldaksech jen ordnait biex is-sinial jgi isàt sa fuk biex ifisser li hu miftighem.

Allura fil uakt lis-sinial chien kighed imaina ruhu il *Camperdown* xehtet malair it-tmun tahha taht ir-rieh ghal collox mas-sinistra u il *Victoria* ucol xehtet it-tmun tahha fuk ir-rieh ghal collox mad-dritta.

Jena hauna allura b'cura u attenzioni l'izied cbar kghad inghasses ghad-dauran tal *Victoria* mentri li iz-zeug bastimenti chienu kghedin iduru lein xulxin, u x'hin rait li ahna kghedin nokorbu uihed lein l'ihor u l'*Victoria* bakghet bit-tmun mizmum fuk id-dritta, jena ordnait lil Captan tal *Camperdown* biex isjia bil forsa collha blis-scrù tad-dritta biex il bastiment ifittex idur u icecchen id-daura.

X'hin rait li l'investitura ja inevitabili (certa) tait l'ordnjet biex isjia kawj biz-zeug machini bil forza collha, imma kabel ma il *Camperdown* hasset il forza tas-sijiar biex tnakkas il misci tahha, il munkar tahha investa il *Victoria* in-naha tad-dritta lein il prwa xi ghoscrin pied mit-turretta u bakghet diehla giò figha quasi sal-linia centrali min tahha, u 'l linji tal prwa a tal poppa via tal bastimenti fil uakt ta l'investitura chienu inclinati lein xulscin b'anglu ta xi 80 degri ( gradi ).

It-tilet. Jdirli li chienu ghaddeu zeug minuti fuk l'investitura meta il *Camperdown* chienet capaci li thoss u tobdi is-sijiar taz-zeug scrun et, biex tiscansa u tillarga mil *Victoria*.

Ir-raba. Il buieb tar-ripar ta l'ilma tal *Camperdown* chienu mghaluka bl'ordini tighi kabel ma saret l,investitura.

Il-hames. X'hin il maht dac lis-stat criticu tal *Victoria* u raita kgheda tghaddas il prwa tahha taht l'ilma bil mod il mod, ordnait malair biex ilestu il freigatini collha u 'l bumjet tahhom biex ivaraughom, imma f'dan il uakt il *Victoria* isat il fiamma biex il bastimenti collha jllargau min hdeigha u uara dan is-siniel ghamlet sinial ihor " Tibghatux freigatini."

Is-sitta. Uara ftit minuti ohra il *Victoria* tmeilet ghan-naha tad-dritta, inkalbet il kieh il fuk, u f'dakka uahda izied ma dgheriec.

Is-sebgha. Il hin, li ghadda min mindu saret l'investitura sahansitra ghabet min uicc il bahar, ghaddeu biss xi 13 il minuta.

It-8. Ftit kabel ma inkalbet nies dgheru kghedin jakbzu min fuk il *Victoria* ghal giol bahar. X'hin jena rait dan ordnait bla telf ta zmien biex issir

sinial ghal freigatini tal bastimenti collha biex ificcu imorru hal ghainuna tan-nies, ud–diregeit lil *Barham* u'l *Fearless* biex jvvicinau lein il *Victoria* chem jstghu malair biex isalvau l'innies, u jena bil *Camperdown* avvicinait ucol biex nissoccorri l'officiali u l'irgiel li chienu kghedin jthabtu uisk gewa il bahar.

Id-9. Il premura u l'impenj li ureu il bastimenti collha ta lis-squadra irnescielna biex insalvau 29 fizial u incirca ta 262 ragel, imma, b'dispiacir cbir irrid ingheid ucol illi xein ankas minu 22 fizial u incirca ta 336 ragel geu imgharkin, u'l bicia il cbira min dauna actarx chienu giol bastiment imscerdin isfel f'dan il uakt tal gharka.

Il 10. Il bahar chien bnazzi sewa b'ziffa zgheira fil uakt tad disgrazzia.

Il 11. Il hsarat li soffriet il *Camperdown* huma serj u cbar, imma nispera, illi bil ghainuna tal Artificiali ta lis–squadra, jstghu jsseweu temporariament li tcun capaci li tinbaghad f'Malta biex tithol fil Bacil.

Il hsarat li sessa nafu bighom huma daun :

Lewel. Tic-crita imtakba fil prwa in-naha tassinistra, tistendi mil facciata tal prwa sa tul ta ghaxar piedi lein il poppa, u min 12 sa 18 il pied lisfel mil cverta ta fuk, ix–xifer tahha tisfel jgi sewua fuk il cverta tal armatura. It–ticrita tahha jia imharpta uisk fil ghamla tahha bis nista ingheid li hi banda 6 piedi u banda 10 piedi.

It-tieni. Il prim fil prwa micsur min fuk il Muntun ( munkar ) u il parti ta fuk imghanza lein is-sinistra u mifruka mil ingastatura tal pianci min naha taddritta li dina il ferka tibka nizla lisfel tul ta 10 piedi, tibda seira ghal xein xein tull ta 10 piedi taht l'ilma.

Dana it-taksim fil bastiment jnsab mimli bl'ilma :—
Id-depost tal Carpentier; id-depost taz-zebgha, il post

tas-saborra in-naha tal prwa, id-depost tan-Naucier, id-depost tal ingegni submarini ( ta taht il bahar) il loch tal' tankjet, il loch tal machina tal Argnu, u lis-spaziu tas-sinistra tad-depost tal ctajen.

It-12. Iddispiacini ingheid illi il cotba collha tal *Victoria* huma mitlufin u minnha lebda hagja importanti ma staina nircuprau.

It-13. Ghal ftit sighat uara il gharka tal *Victoria* l'ilma baka fi stat l'izied agitat u ibakbak fuka, u lis-scrunjet bakghu iduru sa chem gherket.

L'14. Jena bkait fil vicin ta fein issuccediet id-disgrazia blis-squadra colla sal 5. 30 ta fil ghascja, fein allura billi il *Camperdown* chienet kgheda tghamel l ilma, degherli li chien ahiar li nirtira bil bastimenti collha u nancoraghom hdein Tripoli. L'*Amphion*, il *Barham*, u'l *Fearless* halleitom hem sa uara li dalam, imma dauna hatt minhom ma ircopra lebda hagia importanti. Il *Fearless* ghandu jargia isalpa ghada fil ghodu mas-sebh biex imur ifittex mil gdid ma duar fein gharket il *Victoria*.

Il-15. Ma dana ir rapport tighi baghat ucol ir-rapport tal Onorabili M. A. Bourke il Captan tal *Victoria* li hu ucol ghamel fuk dina id disgrazia, ma dauna ucol bghattilcom ir-raporti li ghamlu Lord Gillford, it-tenent ta l'Armiral, tal Commander tan-Navigazion u tat-Tenent H. L. Heath.

Is-16. Jena ucol bghattilcom il lista tal Officiali li gherku u lista nominali tan-nies li salvau.

Is-17. Jena ma nistax infisser lis-Siniurja tghacom il cbira hasra u dispiacir tighi, tal Captani, tal Officiali u tan-nies collha tal lis-squadra tal Mediterran, li kghedin ihossu f'kalbom fuk dina id-disgrazia uheda harxa, u harxa uisk u inhasset bil bosta mux biss

fl'Armata imma ucol fin Nazion collu specialment ittelfa ir-reparabili tal meut chiefra tal mahbub tghana Sir George Tryon K.C.B. il Com. in Chief, illi il hniena cbira tal kalb tighu, xein inkas mill cbira abilità tighu, li chien veru ornament bosta distint tal professioni tighu li ghal dal mod chien mahbub, stmat u mghazus, uisk min dauc collha li chienu serveu fis-servizz taht il Command tighu.

Jena ghandi l'unur l'incun serv tghacom

A. Markham, *Contr' Armiral.*

---

Uara ir-rapport li gia spiegaina, lis-stess Armiral Markham ragia chiteb dana ir-rapport fl' 24 ta Giugnu 1893 ghal informazioni tal Armiragliat.

1. Iz-zmien li jnhtieg biex il *Camperdown* tcun capaci li tghamel il viagg tahha ghal Malta, ma uistax inghedilcom precis, imma nista inghedilcom li nittama illi gia tcun lesta fi ftit granet.

Dana it-taksim fil bastiment jnsab ippumpiat u ix-xuttat ghal collox : — Il-loch tas-saborra prwa via, id-depost tan Naucier, id-depost tal ingegni submarini, il loch tal-tankjet, il loch tal magna tal argnu, u lis-spaziu tas sinistra tad depost tal ctajen.

Jena nispera l'incun capaci li nistagna l'ilma ghal collox jeu li ma tanch icun jdhol, fi ftit granet.

2. Ghalchem jena ghandi il bastimenti kghedin ificciu cull jum ma duar fein saret id-disgrazia, ma sibniex ghad hag' ohra hlief il gisem tal Pagatur Rickcord, ta lis-Stuet James Vittles, ta Spiru Portelli coch tal Captan, ta Joseph Fieres interpreti ; ta A. J. Morgan surgent tal Morini, u ta bahri Charles Tomkins, li dauna collha geu mitfunin fic-Cimiteriu ta Insara fi Tripoli.

3. L'Autorità Torca offretilna illi ḣech ḣersku xi catavri lein ix-xatt ḣehdu hsiebom bil cura collha u jghamlu cull ma jstghu ghalina.

A. Markham, *Contr' Armiral.*

---

Ir-rapport tal Captan tal *Victoria* M. A. Bourke lil Armirogliat.

Jena nibghat ir-rapport tighi fuk ic-circostanzi ta l'investitura li saret bein il *Camperdown* u'l *Victoria*.

Min fuk in *Nile* fi Tripoli 23 ta Giugnu 1893.

Signur. Jena ghandi l'unur li nirraporta ghal informazioni tas-Siniurja tghacom illi il flotta chienet telket min Barut fil ghaxra ta fil ghodu fit-22 ta Giugnu, u filata uahda regeina ghat–Tramuntana quarta Vant bi 8 timiel u zeug ottavi fis-sigha. Dana il mixi u direzioni imnhanteneinighom sas 1.30 ta uara nofs inhar, u f'dan il hin b'dilna id-dir.zioni il coll flimchien u ghamilna prwa ghal Grigal quarta Tramuntana.

Ftit uara is-sghatein, il Commander in Chief baghad igheidli li irid jara lili u'il Commander tan-Navigar Hawkins Smith bil carti tan–Navigazion u ahna it-tnein allura morna fil crecetta (cabin) tighu fis-2.10 minuti.

Il cors li f'dan il hin conna kghedin inriegiu chif chien ucol jder fis-stess carti chien grigal quarta tramuntana, il bastimenti collha bakghu dejiem filata uahda mizmumin ghal ponent quarta tramuntana mil bastiment tal Armiral (mil *Victoria*).

Il Commander in Chief, malli irsakna hdeih u ra l carti, kalilna li hu irid jfformna il flotta f'zeug divisionijiet u li jddisponu ruhhom ghal Port, u li izommu sit ixcla bgheid minn xulxin id-divissioni l'uahda mill'ohra, u meta icunu scorreu bizzejed it-

Torri ta Liuni ghal nofsinahar quarta vant, li dina chienet il linia id-destinata li figha ghanna induru biex nibkghu seirin nancorau. Il Commander in Chief ried idauwar iz-zeug divisionjet lein xulxin b'16 il pont, b'mod tali l'izzeug divisionjet jbkghu dehlin fil port ech imkassmin u jancorau meta igibu l'Isola Fare ghal punent quarta nofsinhar.

Il Commander tan-Navigar issuggeriscia (ghal) illi 8 ixcla icunu ta distanza ahiar min ta 6 ixcla biex jffurmau ruhhom iz-zeug divisionjet u jghamlu dina id daura sewa. Allura ir-risponda l'Armiral u kal: "Iva, mela 8 ixcla."

Uara dan, il Commander tan-Navigar tala fil cverta u fi'xis'2. 15 ieu fis'2. 20 sar is sinial ghal flotta biex jfformau zeug colonni bid-disposizioni ghal port, u'il colonni icunu 6 ixcla bgheid min xulxin. Allura il Commander tan-Navigar x'hin sar das'sinial kal lit-Tenent ta l'Armiral biex ifittex imur jnforma lil Commander in Chief u igheidlu illi is-sinial ta 6 ixcla kighed iperper u mux ta 8 bhal ma kallu. F'dana il uakt jena cont ghadni fil camra ta l'Armiral u smait l'Armiral igheid l'it-Tenent, "mela hallieh isat is-sinial ta sitt ixcla, imbaghad jena hrigt u mort fil cverta.

Ftit kabel is-2. 45 il Commander tan-Navigar baghatli il carta mictuba bil cors il gdid li seirin nakbdu, cioè: bid-direzioni tal vant bi quarta tramuntana, u jena dina il carta mort bigha hdein l'Armiral u ureitielu, allura ordnali biex neseguigha u nghamilha, u ghal daksech sas'2. 45 il flotta chienet kabdet triegi ghal vant bi quarta tramuntana. U f'dan il cors il bastiment tal Armiral ghadda zeug miel u nofs ghat-tramuntana mill'Anterna ta Ramkin.

Fit'3. 20 gibna it-Torri ta Liuni ghal nofsinhar quarta vant. F'dan il uakt tala l' Armiral u baka gei fuk il bricc tal prwa via u baka tiela fil camra

tan-Navigazion, fein cont kighed jena mal Commander tan-Navigar. Fit-3. 25 gié ir-rappurtat lil Armiral li issa il uakt li nisau is-sinial ghal biex induru, allura l'Armiral fit'3. 27 ordna biex jtla is-sinial ghal lewel Divisioni biex tbiddel il cors b'16 il pont lein issinistra u ghat-tieni divisioni biex tbiddel il cors b'16 il pont lein id-dritta, u ta uraighom jghamlu bhalom uara xulxin.

Uara li sar da's-sinial, il bastiment tal Armiral (il *Victoria*) tefghet it-tmun fuk id-dritta ghal collox, u jena avzait lis-Sur Lanyon (Micman) biex josserva tajeb l'avvicinar tal *Camperdown*. Jena imbaghad irgait ir-rapportait lil Commander in Chief fein ghettlu li ahna gejjn fuk xulxin uisk u tlaptu permess biex nakbad insijia blis-scrun tas-sinistra. Dana sar bl'approvazioni ta l'Armiral, u sewa seu kabel ma saret l'investitura iz-zeug machini tal *Victoria* kabdu isjiau bil forsa tahhom collha.

Il bastiment sa dana il uakt chien ghadu dar minn 12 sa 13 il pont x'hin il *Camperdown* tahbat mal *Victoria* fuk id-dritta xi 10 piedi poppa via mill-l'ancra, u b'informazioni li hadna min May, Chief (Bassofficial) li dan f'dac il uakt chien kighed fuk il meida tal mess tighu fil prwa nett, kal li lemah il prwa tal *Camperdown* diehla gewa il *Victoria* u uaslet sad-depost tal ctajen u nifdet sas-separament li jgi bein il cverta tal messjet tal prwa u bein il messjet ta lis–storjet (fochisti).

Allura meta l'investitura ma chienic izied tista tevita ruhha, geu mghotia l'ordnjet biex bla telf ta zmien jgiu mghaluka il buieb collha li jlkghu l'ilma. Dana sar u saru ucol il preparazjonjet ghal paliotti ta l'investir, imma daun ma setghux jtkghedu ghaliex fil pront il prwa ghazzet rasa taht l'ilma. Fil pront, jena inzilt min fuk il cverta, bl'ordni tal Commander

in Chief, sabiex nara jech il buieb li jlkghu l'ilma humiex colla mghaluka, u sa fein dahal l'ilma. Jena mort fic-cian tad-dritta u sibt il buieb gia mghalukin, u anche ir-rewihat (scuttles) chien bkait indur collumchien u nistaksi dejem ux colla-mizdudin tajep ucol chien mitbuk tajed u igheduli "Iva", imma min min irceveit daun irrisposti ma nistax inghedilcom. Flahhar tad dauran tighi nisma ordni tinghata fil bastiment collu biex culhatt jtla fil cverta, un'nies li chienu hem hdeja fic-cian tad-dritta telghu collha. Jena u tiela mort nati harsa fil cverta tal Messjet u fil loch tal machina tad-dritta. Il machini chienu ghadom jahdmu, u smait ucol l'ecu tal telegraffi. Hemma tchellimt mas-Sur Deadman (inginier) li chien kighed hem, fein dan kalli li ma hem lebda katr'ilma f'dac il loch, kalli ucol li il buieb tighu collha mghalukin, imbaghad jen sakseitu ghal inginier maggiur, u'r-rispondieni li ma jafx fein hu. Jen allura ghaddeit nigri mil passagg tan-nofs biex nara jech il buieb ta hem humiex collha mghalukin sewna u hauna ilmaht l'inginier maggiur gei lein il poppa, li dana kalli illi sa fein jsta jaf hu illi collox mitbuk tajeb lein il poppa min naha tal camra tal cardaruni tal prwa via. Uara dan jena tlait fil cverta malair biex nirrapporta dana collu lil Commander in Chief, u bkait sejier fuk il bricc tal poppa via, fein sibt lil culhatt kighed flocu in ordni biex imainau il freigatini. Il porzioni il cbira ta l'equipagg chienu kghedin migbura fil cverta ta fuk in-naha tas-sinistra. Billi l'Armiral ma chienx kighed hem, tlait fuk il bricc li jati mil poppa lein il prwa min-naha tas sinistra, biex insib l'Armiral u ninfurmah b'collox, f'dana il uakt il bastiment ha timejla sewa lein id-dritta, u chif nasal hdein il grwa tal cutter tal prwa via, il bastiment ragia batta izied u sibt ruhi f'dakka uahda taht l'ilma, u irgait

tlait fil uicc tal bahar ma xi ticsir ta ignam li tala fil uicc. Jena u bosta ohra, uara ftit, sibna ruhna merfughin min freigatina tan-*Nile*. Il condotta, u l'imgieba tannies li giebu ruhhom bigha flis stazion'et tahhom chienet ta min ifahhara barra mil kies, ghaliex sa lahhar mument culhatt baka in ordni bla ma tharrech xein min locu, u hatt ma uera ruhu imbazza f'lebda hagia.

Jena ma tighi ghakkad uccol ir-rapport li ghogbu jghamel it-Tenent tal Armiral Lord Gilford, tal Commander tan Navigar Mr. H. Smith u tat Tenent Healh.

Jena ghandi l unur l'incun serv'tas-Siniurja tghacomᶜ

MAURICE A. BOURKE Captan tal *Victoria*

Iffirmat Contr'Armiral A. MARKHAM tal *Camperdown*.

---

Irrapport tal Commander tan-Navigar uara li il Captan (Bourke) il-larga min fuk il bridge, biex imur jara il buieb umiex mghaluka tajep.

Jena ghandi ninforma lis-Siniur a tghacom b'kima u riverenza l'izied cbira, b'dana irrapport tighi, cioè:

" Il Captan nizel mil camra tan-Navigazion, sewua seu malli saret l'investitura, bl'ordini tal Commander in Chief biex jesamina tajeb jech il buiep li jlkghu it-thul ta l'ilma chienux mitbukin us-siccati tajeb.

Hauna il bastiment chien imdawar prwa lein l'art biex jgi incaliat u isalva, bil mixi ta 7 timiel ossia bi 38 evoluzioni fis sigha, bit tmun mixhut ghal collox fuk id-dritta. Jena tait l'ordini biex igibu it-tmun fin-nofs, imma hauna ma setghux ikankluh b'lebda mod ghax ir-rota uehlet ghal collox. Sa frattant l'ilma chien diehel sewua u'l bastiment cull ma imur beda jtmejel uisk lein id-dritta.

Il Commander in Chief u jena conna tlaina fuk il camra tan-Navigazion u hem bkaina sa lahhar mument, fein f'dakka uahda sibna ruhna michnusin mill bahar li tela sa hdeina.

Jena sibt ruhi giol bahar u xi hagia fuk rasi tcompli tghaddasni l'isfel, nissoponi li dana chien l'arblu izzgheir tal bastiment, jena ghamilt il mezzi tighi collha biex niscapula ruhi min tahtu u irnexxili li nehles minnu u irgait tlait fil uicc fein sibt diversi imkadef tal freigatini, kbat mahhom u bkait nissostni ruhi chem flaht sahansitra, flahhar nett giet freigatina [whaler] tad-*Dreadnought* u refghitni. L'arlogg tighi stalla sewa seu fil' 3. 44 min. u 30 secondi li dana chien il hin li fieh gherek il bastiment. Appena jena cont sibt ruhi fl'ilma, l'Armiral ma zicc raitu izied b'ghaineja.

T. Hawkins Smith Comm. tan-Navigar.

---

Ir-rapport ta Tenent Healh li chien f'dich il giurnata kighed jghamel ix-xoghol ta fizzial esegutur, ghaliex il Commander Jellicoc chien ihossu hazin taht il cura tat–tabib, u't-Tenent enzian ta kablu is-sur Inglefield chien jnsab marid flis–Sptar ta Bighi.

"Jena cont kighed fil camra tan–navigazion fil uakt li is-sinial chien kighed imaina ruhu u fil uakt smait l'ordni tinghata: " Itfa it-tmun fuk id–dritta ghal collox." Jena ilmaht ucol il bastiment fil pront kabad idur ghal fuk is-sinistra. Allura f'dana il uakt jena hrigt mil camra tan-navigazion u mort fuk il bricc tal prwa via, u hauna smaita tinghata ordni ohra : " Sjia kawi bil forsa collha bl'is-scrún tas-sinistra", fil uakt nilmah

lil *Camperdown* rieska fukna u seira tinvestina allura tait l'ordni malair, biex jnghalku il buied li jlkghu l'ilma u biex itfghu il paliett tal investir mal bord. Fil uakt nilmah ucol bosta nies nezlin isfel biex jokghodu in ordni flis-stazion tahhom, jena inzilt ucol min fuk il bricc u mort fuk il cverta biex nara ux culhatt kighed flocu. Hauna dakket ittrumbetta biex culhatt jngabar banda uahda barra min dauc li ghandom x'incariga ta xi hagia. L'investitura saret malli jena inzilt fuk il cverta. Jena allura bkait sejier nigri fuk il prwa biex nipprova u nara nistax inkighed il paliett ta l'investir, li jena bil ghainuna ta bosta nies b'lebda mod ma staina inkgheduh ghaliex fil pront il prwa ghazzet rasa gió l'ilma u'l bastiment tmjel fuk id-dritta. Jena taht il paliett ta l'investir, meta rait li ma nista nghamel xein bieh, u tlakt biex ninzel isfel mil boccaport tad-dritta tal prwa u nara jech il buieb humiex mghalukin tajeb collha imma f'dakka uahda sibt ruhi michnus lein il poppa bil bahar, fein bkait sejer sa hdein il bricc tal poppa via u hauna bl'animu tighi collu kbat nipprepara biex invarau il freigatini. Il Captan, f'dan il uakt tani ordni biex nifferma in-nies collha fuk il cverta in-naha tassinistra. Dina l'ordni indakket malair bis-soffara u fil pront il bastiment jehu timjila cbira fuk id-dritta u inkaleb ta taht fuk.

Iffermat H. L. Healh, Tenent.

Rapport tat Tenent ta l'Armiral Lord Gilford.

Fit-22 ta Giugnu, il flotta giet ifformata filata uahna, u kabdu iriegiu bid-direzioni tat-Tramuntana quarta vant. Fis 1. 30 uara nofsinhar sar sinial biex jalterau il cors tahhom flimchien ghad-direzioni tal grigal quarta Tramuntana, u ech il Flotta giet ghal punent quarta tramuntana, ossia zeug ponti lura mil bord sinistru tal bastiment ta l'armiral (flagship).

F'xis' 2 ta uara nofs inhar sar sinial ihor biex il bastimenti izidu lis-stim sa 48 evoluzioni, ossia 8 timjel u 8 gradi fis-sigha. F'xis'2.15 l'Armiral ordnali biex nghamel sinial lil flotta biex tinkasam f'zeug divisionjet mexjn dejem il kuddiem, u quasi flis-stess uakt ordnali biex nghamel sinial ihor biex iz-zeug divisionjet izommu ruhhom sitt ixcla bgheid min xulxin. Lewel sinial sar, irrispondieh culhatt u mainainieh. It tieni sinial, (cioè biex jghamlu spaziu ta 6 ixcla) isainieh ucol, u appena uasal sa fuk il Commander tan-Navigar giè hdejia lein il poppa u kalli: "L'Armiral ippropona biex id-divisionjet izommu ruhhom 8 ixcla bgheid u mux 6. Ghaldaksech jena mort isfel malair u informait l'Armiral b'dac li chien kalli il Commander tan-Navigar. L'Armiral uiegibni u kalli, li hu irid ihalli il bastimenti chif huma già ordnati b'sitt ixcla spaziu. Jena irgait mort fil cverta, u meta rait l' il bastimenti collha irrispondeu is-sinial, mainaitu u bghatt ninforma lil Commander

tan-Navigazion illi l'Armiral irid li il bastimenti jbkghu b'sitt ixcla bgheid min xulxin. Fxis'2. 45 b'dilna il cors tghana gad-direzioni tal vant quarta tramuntana, bastiment uara l'ihor ta cull divisioni u li jpperseverau it-taksim tal flotta; lewel divisioni tnakkas u it-tieni divisioni izzid il mixi biex jgiu eseguiti l'evoluzionjet, (cioè cull bastiment tad-divisioni il uahda jgi bisuit siehbu tad-divisioni l'ohra, u ech imkassmin icunu ippreparati ghat-tallica ( l'eserciziu ) li chellom ighamlu appena icun mghamul is-sinial.

F'xit' 3. 15 l'Armiral tala fil cverta u uara ftit minuti ghadda fuk il bricc tal poppa via u min hom baka se'er u tala fuk il camra tan-Navigazion.

Fxit' 3. 25 jena isait dauna is-siniali bl'ordini ta l'Armiral, cioé :

| | | |
|---|---|---|
| bandiera 2<br>fiamma 2<br>fiamma tal boxxla<br>bandiera 1<br>bandiera 6 | u | bandiera 2<br>fiamma 1<br>bandiera 1<br>bandiera 6<br>fiamma tal boxxla. |

li dauna iz-zeug, siniali ifissru ech :

| | | |
|---|---|---|
| Ta lewel—<br>Tieni divisioni—biddel il cors bastiment uara l'ihor b'16 il pont lein id-dritta, immantienu it-taksim tal flotta. | u | Tat-tieni—<br>Lewel divisioni — biddel il cors, b'16 il pont lein issinistra, immantienu it-taksim tal flotta. |

Fil mentri li daun iz-zeug siniali chienu kghedin iperpru fl'arblu, l'Armiral ordna ucol biex ilestu das sinial biex nisauh meta immainau it-tnein l'ohra, cioè :—

| | | |
|---|---|---|
| Bandiera ittra E<br>Bandiera ittra C<br>Bandiera numru 2 | u | Fiamma cahla fil kucciata ta l'arblu. |

| Ifissru | | |
|---|---|---|
| Divisionijet l'icunu zeug ixcla aperti (voldiri) cull bastiment ghandu izomm ruhu tul ta zeug ixcla lura min ta kuddiemu. | u | Il bastimenti collha ghandom iduru flimchien, cull uihed ma siehbu, u ta uara jttendi chif idur ta kuddiemu biex idur bhalu. |

Sa fein stait nara jena, l'actar bastiment li dam ma'rrisponda iz–zeug siniali ta fuk, u biex ingheid ahiar l'ahhar bastiment l'irrispondighom chien il *Camperdown*. F'xit'3. 30 malli dina ir--rispondiet, iz-zeug siniali mainau ruhhom bl'ordni tal Armiral. U ech, malli nizlu is-siniali il *Victoria* xehtet it tmun tahha fuk id-dritta ghal collox u'l *Camperdown* xehtet it-tmun tahha fuk is-sinistra ghal collox.

Jena hauna ordnait 3 mid-cmenn:et biex jttendu tajeb gas-sinial li jndicau il mixi u'il posizioni tat-tmun tal *Camperdown*, tal *Edinburgh* u tan *Nile*. B'dana collu lebda alterazioni ohra ma giet lili irrapportata min dauna it-tlett giovinotti hlief li il *Camperdown* tefghet it-tmun tahha taht ir-rieh ghal collox malli nizlu is-siniali.

B'la telf ta zmien sibna ruhna li seirin nigiu investuti mill *Camperdown* u ghaldaksech inghatat l'ordni u bla telf ta zmien lis-scrun tas sinistra tal *Victoria* kabad isjia bil forsa collha u quasi fil pront beda isjia lis-scrun l'ihor tad-dritta ucol.

Hauna is-suffara saffret biex jnghalku malair il buieb li jlkghu l'ilma, sewa seu kabel ma saret l'investitura.

Il *Camperdown* laktet il *Victoria* mal bord ftit poppa via mil medda ta l'ancra.

Il *Victoria* fil pront bdiet tibla bosta ilma u tmeilet bil mod il mod lein id-dritta.

Jena irrapportait lil Armiral, f'dana il uakt, illi

id-*Dreadnought* kgheda tmaina xi freigatini il bahar u l'Armiral chien pront ordna biex isir sinial generali biex ma jnbghatux freigatini.

Fil pront li sar is-sinial biex ma jgiux freigatini l'Armiral ragia ordna li tigi isata in'9 fiamma biex il bastimenti collha ificciu jllargau minn ma duar il *Victoria.*

Meta il *Camperdown* inkalghet u helset ruhha mill *Victoria,* dina (il *Victoria*) tmeilet izied lein id-dritta u ghazzet il prwa taht l'ilma.

Hauna sar bosta tahbit biex jtkighed il paliett tal investir, imma billi l'ilma ur'rewihat collha humier mghalukin tajeb u's siccati.

L'Armiral baka fil cverta u saksa lil Commander tan-Mavigar, x'ilma ghanna taht il bastiment, (voldiri chien hem fond) u dana ir-rispondieh li ninsabu f'bahar fond ta 70 jeu 80 kama.

Allura hauna giet mghotja l'ordni mill' Armiral biex jtfghu it-tmun fuk id-dritta ghal collox mill actar fis uz'zeug machini jahdmu 6 nofs forsa il kuddiem.

Il *Victoria* f'dana il moviment, compliet ghazzet il prwa tahha u bdiet iddur bil mod lein is sinistra.

Xi minuta uara, li chienet ilha iddur inkata l'armar tal-trigja (steering gear) u il bass'official tat-tmun ir-rapporta li muiex capaci izied biex iciaklak ir-rota tat-tmun.

Sa frattant il bastiment baka ighozz rasu u jtmejel lein id-dritta addocc u'l bahar beda jmbarca fuku, b'kawwa cbira, min naha tal prwa.

L'Armiral ordnali biex immur isfel u nistaksi il Captan jech il bastiment ux kighed jghamel ilma min naha tal poppa.

Chief cont sejer b'dina l'ordni min-naha tas-sinistra tal cverta ilmaht numru cbir ta nies jthabtu u jxxabtu mal partighetta biex jgiu fuk irrieh.

Hauna il bastiment jehu timjila cbira u jena zlakt u bkait nitcaxcar u inzom dejiem u nimxi zakki fl'art sa uasalt hdein il purtell tal canun tas'sitta tal prwa via fein f'dakka uahda halla ta bahar giet fuki hasditni mill bastiment u sibt ruhi giol bahar.

Il hin li ghadda min x'hin saret l'investitura sa chem inkaleb il bastiment, nissoponi chienu 8 jeu 10 minuti.

Meta jena sibt ruhi giol bahar hat ghazza cbira u x'hin tlait fil uicc sibt ruhi bein in-*Nile* u il *Victoria* li dina (il *Victoria)* f'dana il uak( raita biz-zeug scrunjet ıduru fl'aria, makluba ta taht fuk u nizlet fil kieh bil prwa l'isfel.

GILEORD, Tenent tal Bandiera.

---

*Officiali imgharkin mal VICTORIA* 22 *uihed cioè :*

Sir George Tryon K.C.B., Vici Armiral.
H. R. Allen, Scrivan tas-Secretariu.
P. H. Munro, Tenent.
S. S. O. Morris M.A., Cappillan.
V. D. J. Rickord, Pagatur Maggiur.
F. Fareman, Inginier Maggiur, F.G. Harding, Inginier.
H. Deadman, W. Hatherly, W. Seaton, Ass. Inginieri.
W. Howell, Canunier, W. Barnard, Naucier.
P. H. Beall, Carpentier. L. Inglis, A. C. Grieve, A. G. H. Fawkes, W. E. Henley, H. W. Gambin, L. J. P. Scarlett, Micmanjet. F. S. Stooks, Cadet. A. D. Savage, Assistent Scrivan.

Calisto Maistre, 1893.